MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 102/2013

**Balbinder Malki Twana**

**Vs**

1. **L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**
2. **Direttur Generali tal-Ministeru tal-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tar-rikorrenti **Balbinder Malki Twana** ipprezentat fis-17 ta' April 2013 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

*"llli dan ir-rikors qed jigi ntavolat wara decizjoni Ii ttiehdet mill-Ministeru tal-Finanzi fis-27 ta' Marzu 2013, ai termini tal-Kap. 368 u Kap. 368.01 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment ai termini tar-Regoli dwar l-ezenzjoni mit-Taxxa ta' Registrazzjoni fuq karrozzi bil-mutur, ossija l-karozza proprjeta' tal-esponenti, meta*

*jsir trasferiment ta' residenza.*

*llli l-esponenti, Ii trasferiet ir-residenza normali taghha u cioe' giet tirrisjedi hawn Malta lejn l-ahhar ta' Ottubru 2011, kienet applikat ghall- exemption order in kwistjoni sabiex tigi ezentata milli thallas it-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-karrozza (tal-ghamla Peugeot 206) taghha u din l-applikazzjoni giet rifjutata ghall-ebda raguni valida skond il-Ligi, kif ser jigi spjegat b'mod detaljat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*llli qabel Ottubru 2011, ghalkemm l-esponenti kellha karta ta' identita' mahruga millAwtorita' kompetenti hawn Malta, hi ma kinitx qed tirrisjedi hawn Malta, u cioe` r-residenza normali tal-esponenti ma kienx hawn Malta, izda kellha bzonn karta ta' identita' Maltija minhabba x-xoghol taghha, liema xoghol kien jirrikjedi illi l-esponenti tqatta' tlett kwarti mis-sena f'Costa Rica u l-lngilterra. Fil-fatt l-esponenti kienet, qabel iz-zmien imsemmi, qed tghix l-lngilterra fl-indirizz 10, Catherine Street, Derby Derbyshire, DE238HS, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u zammet il-karrozza in kwistjoni l-lngilterra wkoll.*

*llli peress illi l-esponenti hija proprjetarja ta' karozza tal-ghamla Peugeot 206, Ii kienet u ghadha intestata u inxurjata f'isimha, u dana mis-sena 2002, u peress illi f'Ottubru 2011 I-esponenti ddecidiet illi tigi tirrisjedi hawn Malta b'mod permanenti u ghalhekk riedet taghmel arrangamenti biex timporta l-karrozza f'Malta ghall-uzu personali taghha, applikat mal-Awtorita' intimata sabiex tigi ezentata mit-taxxa ta' registrazzjoni. llli l-esponenti kienet, qabel ma applikat mal-Awtorita' kif imsemmi, ikkonfermat mal-istess Awtorita' illi tissodisfa l-kriterji kollha sabiex tinghata l-ezenzjoni.*

*llli l-Awtorita' intimata hadet konjizzjoni ta' din l-applikazzjoni fit-2 ta' Jannar 2012 (Dok MT1 anness). llli fl-istess dokument MT1, l-Awtorita' infurmat lill-esponenti illi l-Ministeru talFinanzi kien ser jikkuntattjaha malli l-applikazzjoni tigi approvata jew jekk jinqala' xi kwistjoni dwar l-istess.*

*llli l-Awtorita' intimata kienet, meta tat l-ittra mmarkata Dok MT1 lill-esponenti, ikkonsentiet illi l-esponenti tuza l-karrozza hawn Malta u fl-eventwalita' Ii jwaqqafha xi hadd mill-Awtorita', hija kellha biss turi dan id-dokument.*

*llli fis-27 ta' Marzu 2013 u cioe' iktar minn sena wara Ii l-Awtorita' hadet konjizzjoni tal applikazzjoni in kwistjoni, l-esponenti rceviet ittra minghand il-Ministeru tal-Finanzi fejn giet nfurmata illi l-applikazzjoni taghha giet rifjutata ghar-raguni illi "you took up residence in Malta prior to the date (3rd November 2008) established under the act." (Dok MT2 anness).*

*llli l-esponenti hasset ruhha aggravata b'din id-decizjoni peress illi r-ragunijiet indikati fl-ittra m'humiex minnhom u dana peress illi l-esponenti trasferiet ir-residenza taghha f'Ottubru tas sena 2011 u mhux kif gie sottomess fl-ittra Dok MT2, qabel Novembru 2008, u ghalhekk qieghda tintavola l-prezenti appell.*

*llli inoltre, meta l-esponenti marret biex tkellem mal-Awtorita' tat-Trasport Malta, wara Ii ttiehdet id-decizjoni tas-27 ta' Marzu 2013, giet infurmata illi ser ikollha*

*thallas penali ta' €30 kuljum, peress illi ma kinitx irrispondiet l-ittra mmarkata Dok MT1, liema penali tibda tiddekorri minn 30 gurnata, skond l-istess Awtorita', mid-data tal-istess ittra, ekwivalenti dan il-penali ghal circa €12,000.*

*llli inoltre, kull darba Ii l-esponenti tkellmet ma' xi hadd mill-Awtorita' tul is-sena Ii damet tistenna risposta fuq l-applikazzjoni taghha, dejjem inghatat l-istess risposta u cioe` illi ghandha tistenna sakemm jigi deciz l-applikazzjoni taghha!*

*llli skond l-artikolu 19(3)(f) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta vettura bil-mutur M1 jew cikletta Ii tkun il-proprjeta' personali ta' individwu privat u Ii tkun qieghda tingieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta ikun ezentat mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni izda l-ezenzjoni tinghata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika ghal ezenzjoni bhal dik. llli sabiex persuna jew ahjar vettura tikkwalifika skond dan l-artikolu, ii-kundizzjonijiet elenkati fl-artikolu 4(3) tal-Kap 368.01, Ii huma is-segwenti iridu jigu sodisfatti fl-intier taghhom:*

*(a) Il-vettura trid tkun ilha registrata f'isem l-individwu Ii jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghall-perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta;*

*(b) Il-vettura tkun giet akkwistata taht il-kondizzjonijiet generali tat-tassazzjoni Ii jkunu fis-sehh fis-suq domestiku tal-lstat Ii minnu tkun qieghda tigi mpurtata jew migjuba f'Malta, u ma tkunx soggetta ghall-fatt Ii tkun ser tigi esportata ghal xi ezenzjoni minn jew rifuzjoni ta' dazju tas-sisa, taxxa ta' valur mizjud jew xi taxxa ohra ta' konsum;*

*(c) Il-persuna Ii tkun qieghda tapplika ghall-ezenzjoni trid tkun ilha tghix barra minn Malta ghal perjodu kontinwu ta' ghall-inqas erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data Ii fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali taghha barra minn Malta;*

*(d) L-applikazzjoni biex il-vettura tigi ezentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data Ii fiha l-applikant jiehu r-residenza normali tieghu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data; u*

*(e) jekk il-vettura tkun diga' waslet f'Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna Ii tkun qieghda tittrasferixxi r-residenza taghha fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta.*

*llli l-esponenti, kuntrarjament ghal dak Ii ntqal fl-ittra mmarkata Dok MT 2, issodisfat dawn il-kundizzjonijiet kollha kemm huma u dana kif ser johrog car waqt Ii l-kawza tkun qed tigi trattata.*

*llli qabel l-esponenti ddecidiet illi tintavola dan l-appell, kienet kitbet lill-Awtorita'*

*tramite` l- konsulent sottoskritt, liema ittra qed tigi annessa u mmarkata Dok MT 3, fejn spjegat illi ghalkemm hasset Ii kellha dritt ghall-appell, kienet lesta, biex tipprova tevita l-Qorti, illi thallas l-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni diment illi l-penali msemmi jigi revokat in toto. llli l-esponenti qatt ma hadet risposta bil-miktub mill-istess Awtorita'.*

*llli inoltre, meta l-esponenti marret ghand l-Awtorita' intimata biex tapplika ghar-registrazzjoni tal-vettura taghha ai termini tal-artikolu 4(9)(b) tal-Kap 368.01 tal-Ligijiet ta' Malta, u infurmat l-istess Awtorita' illi ser tappella mid-decizjoni Ii ttiehdet fis-27 ta' Marzu 2012, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta infurmatha illi kellha bzonn "odometer certificate of authenticity," u Ii minghajr dan ic-certifikat ir-registrazzjoni ma jistax isir.*

*llli dan ic-certifikat ghandu jintbaghat lill-esponenti mill-lngilterra u ghalhekk, nonostante illi l-esponenti <u>applikat</u> mal-Awtorita' skond l-artikolu 4(9)(b) (vide dokumenti mmarkati bhala Dok MT4) biex tirregistra l-karozza, u kellha d-dokumenti kollha ghal dan l-iskop kif mitlub fil-Ligi, ma setghetx, peress illi l-Awtorita' intimata ma accettatx illi tirregistra l-karrozza minghajr ic-certifikat imsemmi; u konsegwentement l-Awtorita' ma hallietx lill-esponenti thallas la spejjez amministrattivi, la 1-€100 kontemplati fl-artikolu 4(9)(b) u lanqas accettat illi l-esponenti thallas l-ammont ta' taxxa indikat f'Dok MT 4.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti qed titlob bir-rispett Iil dana l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara illi l-karrozza proprjeta' tal-esponenti hija ezenta mit-taxxa ta' registrazzjoni ai termini tal-Kap 368, b'mod partikolari Kap 368.01 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement jirrevoka d-decizjoni Ii ttiehdet mill-Ministeru intimat fis-27 ta' Marzu 2013.*

2. *Jordna l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni tal-istess karrozza mertu tal-kawza u konsegwentement jordna illi kwalunkwe spejjez Ii thallsu mill-esponenti lill-intimati jew minn minnhom, ai termini tal-artikoli 4(9)(b), 4(10) u 4(13) tal-Kap 368.01 talLigijiet ta' Malta, jigu rifuzi lura lill-esponenti;*

3. *Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg talbiet, jiddikjara illi l-penali ta' €30 imsemmi f'dan ir-rikors, u Ii l-esponenti giet mitluba thallas, ghalkemm verbalment, gharraguni illi naqset milli tirrispondi ghall-ittra immarkata MT 1, huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi respint."*

Ra r-risposta ta' l-**<u>Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta</u>** ipprezentata fis-7 ta' Mejju 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi in linea preliminari, l-Awtorita` esponenti m'hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni ttiehdet unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u dana skont ir-Regolament 10 tar-Regoli tal-2009*

*dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 196 tal-2009) u inoltre l-Awtorita` esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni. Ghaldaqstant l-Awtorita` rispondenti ghandha tigi liberata ab observantia bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

*Illi l-appell interpost mir-rikorrenti quddiem dan l-Onorabbli Tribunal huwa ultra vires u kwindi null u bla effett stante illi r-rikorrenti qed titlob lil dan it-Tribunal jippronunzja ruhu dwar xi haga li ma kinitx kontenuta fid-decizjoni appellata, u cioe` l-impozizzjoni tal-penali ta' €30 per diem, xi haga li naturalment dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jaghmel ghaliex tezorbita mill-gurisdizzjoni u l-kompetenza tieghu. Ir-rimedju li kellha r-rikorrenti in rigward ta' tali penali li, jerga' jigi ribadit, ma gietx inflitta fid-decizjoni appellata, kien rimedju ben differenti mill-intavolar ta' dan l-appell.*

*Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti kontra l-Awtorita` esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi, inter alia, ir-rikorrenti verament bdiet tirrisjedi f'Malta qabel id-data (u cioe` 3 ta' Novembru 2008) stabbilita fil-ligi u kwindi ma tikkwalifikax ghall-ezenzjoni rikjesta.*

*Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata.*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi** ipprezentata fis-6 ta' Mejju 2013 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors promotur, mid-dokumenti esebiti u dikjarazzjonijiet maghmula mill-intimat jirrizulta illi l-applikant ha r-residenza tieghu f'Malta qabel it-3 ta' Novembru 2008. Ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 19(3) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talba ghal ezenzjoni mill-hlas ta' registrazzjoni ma tapplikax ghalih.*

*Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti,[1] ta' Kevin Borg,[2] ta' Kenneth Pace,[3] ta' Fabienne Ruggier[4] u ta' Herald Bonnici;[5]

Ra id-dokumenti kollha ipprezentati mill-partijiet;

---

[1] A fol. 89 sa 93, a fol. 125 sa 127
[2] A fol. 98A sa 98E u a fol. 106A sa 106C
[3] A fol. 98F sa 98K
[4] A fol. 106 D sa 106E
[5] A fol. 129 sa 130 u a fol. 136 sa fol.140

Ra l-verbal tal-15 ta' Ottubru 2013 fejn il-partijiet kienu qablu li l-ewwel u qabel kollox ghandha tinghata decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata;

Ra l-verbal tat-12 ta' Jannar 2015 fejn id-difensur tal-Awtorita` intimata irrileva li t-Tribunal jista' jghaddi ghas-sentenza inkluz l-eccezzjonijiet preliminari;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ipprocediet bir-rikors odjern stante li hassitha aggravata b'decizjoni tad-Direttur intimat datata 27 ta' Marzu 2013 esebita bhala Dok MT2 a fol. 8 tal-process li kienet tghid is-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request since you took up residence in Malta prior to the date (3$^{rd}$ November 2008) established under the act.*

*You have the right to appeal from this decision, within 21 days from the date of this decision, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provisions of the Administrative Justice Act (Cap. 490) and regulations in terms of the Act. A copy of this procedure is attached.*

*If you intend to appeal and the vehicle is already in Malta you shall apply to Transport Malta to have the vehicle registered and also licensed if you intend to use it on the road, in*

*accordance with the provisions of the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations. You shall also pay to Transport Malta an exemption application processing fee of one hundred euro (€100). On the registration of the vehicle you will be charged thereon the appropriate registration tax which shall be deferred until the Tribunal decides the appeal. This is in line with the provisions of Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*On the other hand, if you do not intend to appeal, you shall either register the vehicle in accordance with the provisions of the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations, and pay the appropriate registration tax thereon or else you can either re-export or scrap the vehicle without re-registering it with Transport Malta."*

Illi mix-xhieda tar-**rikorrent** jirrizulta illi hija xtrat il-vettura in kwistjoni fl-2002, liema vettura ingabet f'Malta fl-2012. Tghid li fl-2011iddecidiet li tibda tghix b'mod permanenti gewwa Malta u ghalhekk ikkuntattjat lill-Awtorita` intimata biex ticcekkja x'kellha bzonn biex iggib il-vettura taghha hawn Malta. Meta waslet il-vettura Malta mbaghad ghamlet l-applikazzjonijiet necessarji u wara xi sena irceviet rifjut ghall-applikazzjoni tal-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni mill-Ministeru intimat. Jirrizulta wkoll illi giet infurmata minn rapprezentant tal-Awtorita` intimata illi kienet giet imposta fuqha penali ta' tletin ewro kuljum ghaliex ma kinitx irregistrat il-vettura mal-Awtorita`, liema penali pero` gew rinunzjati da parti tal-Awtorita` wara li r-rikorrenti ikkonformat ruhha mal-proceduri necessarji. Madankollu r-rikorrenti ssostni li qatt hadd ma kellimha wara li ghamlet l-applikazzjonijiet necessarji u kienet qieghdha tistenna min-naha tal-Awtorita` intimata li tikkuntattjaha.

Hija tispjega wkoll illi fl-2007 iffirmat kuntratt ta' xoghol bhala *Human Resources and International Recruitment Manager* ma' Kumpanija registrata hawn Malta u cioe InterGlobal Management Services Limited. Hija spejgat li ghalkemm bdiet tahdem mal-istess Kumpanija hija zammet il-bazi taghha l-Ingilterra ghalkemm kienet tigi okkozjonalment hawn Malta ghal xi laqghat sakemm fl-2011 iddecidiet li tigi tghix b'mod permanenti hawn Malta peress li kellha tifla u xtaqet l-istabilita` ghaliha.

**Kevin Borg**, il-*partner* tar-rikorrenti, xehed illi r-rikorrenti ilha tghix b'mod permanenti gewwa Malta minn cirka Novembru 2011. Qabel Novembru 2011 spjega li r-rikorrenti kienet tahdem ma' kumpanija tal-*igaming* u kienet tghix izjed barra minn Malta. Jispjega li meta ghamel il-verifiki dwar l-ezenzjoni mit-taxxa fuq il-vettura li r-rikorrenti kellha l-Ingilterra huwa gie infurmat li

kienet elegibbli ghall-ezenzjoni. In kontro-ezami ix-xhud jispjega illi fl-2007 ir-rikorrenti kellha appartament mikri *long let* hawn Malta li pero hu kien jghix l-izjed fih ghax ir-rikorrenti kienet issiefer hafna fuq xoghol.

**Kenneth Pace**, *Customer Care Manager* mal-Awtorita` intimata, xehed illi r-rikorrenti kienet ghamlet applikazzjoni mal-Ministeru intimat ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Mistoqsi fuq il-multi imposti fuq ir-rikorrenti ta' tletin ewro kuljum minhabba l-fatt li ma bdietx il-process tar-registazzjoni tal-vettura wara li ghaddew ghoxrin gurnata mill-importazzjoni tal-vettura, huwa spjega li din kienet diskrezzjonali u li l-penali qieghdha hemm biex ma jkunx hemm min jabbuza.

Xehdet ukoll **Fabienne Ruggier**, konsulent mal-MITA, li stqarret illi r-rikorrent bdiet tahdem mal-MITA f'Novembru 2011.

**Herald Bonnici,** *Chairperson* tat-*Transfer of Residence Exemption Board,* spjega li fl-applikazzjoni odjerna ma kinitx giet dikjarata d-data tat-*transfer of residence* pero` f'*e-mail* li ntbaghtet mir-rikorrenti fis-27 ta' Frar 2013 gie mnizzel li r-rikorrent hadet ir-residenza taghha f'Malta fl-2007.[6] Jispjega li fl-applikazzjoni ghandha titnizzel kemm id-data ta' meta l-persuna tkun waslet Malta u kif ukoll meta l-persuna tkun hadet ir-residenza taghha hawn Malta. F'dan il-kaz id-data ta' meta r-rikorrenti waslet Malta hi l-20 ta' Novembru 2006 filwaqt li d-data ta' meta hija hadet i-residenza taghha hawn Malta thalliet vojta u giet konfermata b'*e-mail* izjed 'il quddiem. Fuq dan il-punt ir-rikorrenti stqarret li hija ddikjarat li hadet ir-residenza taghha fl-2007 bi zball ghaliex hi fehmet li kienet qed tigi mistoqsija meta waslet hawn Malta. Tispjega li fl-2007 hija giet Malta ghal ragunijiet ta' komputazzjoni ta' taxxa.

Ir-rikorrenti, in kontro-ezami, tispjega li fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni hija ma kinitx nizzlet l-informazzjoni dwar id-data ta' meta hadet ir-residenza taghha hawn Malta ghaliex ma kinitx taf xi tfisser.

Illi maghmul dan ir-riassunt tax-xhieda, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel ma ghandha tigi indirizzata hija l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u cioe li l-istess Awtorita` mhix il-legittimu kontradittur f'din

[6] Dok A a fol. 134

il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress li l-applikazzjoni giet deciza mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u mhux mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru tal-Finanzi huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Ligi hija mghonija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board* permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fl-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk se jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-decizjoni tar-rifjut tal-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni.

Illi sorvolata din il-kwistjoni, it-Tribunal se jinvesti issa l-mertu proprju tal-appell odjern fejn il-vertenza principali ddur mal-fatt jekk it-*Transfer of Residence Exemption Board* (il-Bord) kienx gustifikat meta cahad l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni abbazi tal-fatt li r-rikorrenti kienet hadet ir-residenza taghha qabel it-3 ta' Novembru 2008.

Illi permezz ta' Att VI tal-2009 gie emendat l-Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzja ta' Vetturi bil-Mutur (Kapitolu 368) fejn fost affarijiet ohra gew stabbiliti numru ta' kriterji li wiehed ried jissodisfa biex ikun jista' jibbenefika mill-ezenzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni tal-vetturi. Fost dawn il-kriterji kien hemm is-segwenti:

*"vettura bil-mutur li ddaħħlet f'Malta fl-1 ta' Lulju, 2008, jew wara dik id-data, minn persuna li ħadet ir-residenza tagħha f'Malta fit-3 ta' Novembru, 2008, jew wara dik id-data, tkun tikkwalifika għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni."*[7]

[7] Artikolu 19 (3) tal-Att VI tal-2009

Illi ghalhekk, biex persuna setghet tikkwalifika ghall-ezenzjoni, fost affarijiet ohra, riedet tkun hadet ir-residenza taghha f'Malta **fit-3 ta' Novembru 2008 jew wara.**

Illi l-punt kontrovers f'din il-kawza huwa meta effettivament ghandu jitqies li r-rikorrent hadet ir-residenza taghha gewwa Malta. Filwaqt li hija ssostni li dan kien biss lejn l-ahhar tal-2011, id-Direttur intimat qieghed isostni li kienet l-istess rikorrenti li permezz ta' *e-mail* iddikjarat li hija hadet ir-residenza taghha hawn Malta fl-2007. Min-naha l-ohra, ir-rikorrenti tispjega illi dan kien zball genwin ghaliex tfixklet.

Illi mid-dokumenti ipprezentanti jirrizulta illi r-rikorrenti, qabel l-ahhar tal-2011, kienet impjegata ma' Kumpanija registrata Malta li pero kienet topera f'diversi pajjizi fosthom il-Costa Rica u l-Panama u li ghalhekk xoghol ir-rikorrenti kien principalment f'pajjizi esteri bi zjarat qosra gewwa Malta. Ir-rikorrenti ssostni li qabel l-2011 hija ma kinitx tqis lil Malta bhala l-post fejn ghandha r-residenza taghha.

Illi min-naha l-ohra it-Tribunal ma jistghax ma josservax illi fl-applikazzjoni mimlija mir-rikorrenti hemm ukoll gwida ta' xi tfisser "transfer of residence" u cioe`:

*"Transfer of residence means the actual transfer of a person's habitual residence to the new place indicated as being that of resettlement, and "habitual residence" means the place where the person concerned has established, and intends to maintain, the permanent or habitual centre of his or her interests. The renting of an apartment for less than one year is not sufficient evidence of the actual transfer of habitual residence."*

Illi ghalhekk jirrizulta illi fil-mument tal-applikazzjoni, ir-rikorrenti kellha kull informazzjoni mehtiega biex tghinha tnizzel id-data meta hija hadet ir-residenza taghha hawn Malta. Meta giet mistoqsija ghaliex ma nizzlithiex hija wiegbet li ma kinitx taf xi tfisser.

Illi mbaghad fl-*e-mail* mibghuta fis-27 ta' Frar 2013 lil Paul Mifsud, ufficjal fil-Ministeru tal-Finanzi, meta giet mistoqsija sabiex tiddikjara d-data ta' meta hija hadet ir-residenza taghha hawn Malta, ir-rikorrenti iddikjarat li hadet ir-

residenza taghha hawn Malta fl-2007. Dan jikkontrasta ghal kollox ma dak sostnut minnha waqt ix-xhieda taghha fejn sahqet illi kien biss fl-2011 li hadet ir-residenza taghha hawn Malta. Illi dan it-Tribunal jirrizultalu illi r-rikorrenti hija persuna ta' certu livell ta' edukazzjoni u jaraha kemmxejn remota li taghmel tali dikjarazzjoni meta ma tkunx taf ezattament x'timporta.

Illi t-Tribunal josserva, illi jekk semmai ir-rikorrenti tfixklet jew hadet xi zball, il-Bord ma kellu l-ebda htija. Dan it-Tribunal jirrikonoxxi illi l-Bord, fic-cirkostanzi u bil-fatti li kellu quddiemu, ma ha l-ebda decizjoni zbaljata. Bl-informazzjoni li gie supplit biha l-Bord mill-istess rikorrenti kellu kull ragun li johrog ir-rifjut abbazi tal-fatt li r-rikorrenti iddikjarat li hadet ir-residenza taghha hawn Malta fl-2007, dikjarazzjoni li awtomatikament kienet tiskwalifikaha mill-ezenzjoni tat-taxxa tar-registrazzjoni.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-poteri tieghu huma essenzjalment dawk ta' revizjoni. Kwindi dak li jrid jara hu jekk fil-fatt il-Bord kienx korrett jew le meta, **abbazi tal-informazzjoni moghtija lilu mir-rikorrenti**, wasal ghall-konkluzzjoni li wasal ghaliha. Illi kif gia inghad iktar 'il fuq, dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Bord.

Illi anke jekk ir-rikorrenti, *dato ma non concesso,* hadet zball meta ddikjarat li hadet ir-residenza taghha fl-2007, l-istess Tribunal ma jistghax jikkoncedi li d-decizjoni tal-Bord tigi revokata. Kieku kien hekk it-Tribunal ikun qed jaghti lok ghall-abbuz ghaliex kulhadd jista', meta jinduna li ma jikkwalifikax ghall-ezenzjoni minhabba xi perjodu perentorju jew terminu iehor fatali, jghid li ha zball fid-dikjarazzjoni li ghamel jew li nkella ma kienx jaf xi tfisser "*transfer of residence*". Dan iktar u iktar f'dan il-kaz meta fuq l-applikazzjoni nnifisha kien hemm car u tond it-tifsira tal-istess. Ghaldaqstant l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti qeghdin jigu michuda.

Illi finalment ir-rikorrenti ressqet ukoll talba sabiex dan it-Tribunal jiddikjara li l-penali ta' €30 li giet mitluba thallas verbalment minn ufficjal tal-Awtorita` intimata ghar-raguni li naqset li tirrispondi ghal korrispondenza mibghuta lilha mill-Awtorita` intimata huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi t-Tribunal josserva li l-provi fuq din il-kwistjoni huma kemmxejn skarsi u ma jirrizultax, ghallinqas mid-dokumenti esebiti, li dawn gew effettivament

imposti fuq ir-rikorrenti. Sabiex tali penali jigu imposti dawn riedu jigu notifikati lilha formalment u naturalment kien jiskatta t-terminu tal-appell ghal quddiem dan it-Tribunal. Illi mill-atti jirrizulta biss illi r-rikorrenti hallset it-taxxa ta’ registrazzjoni[8] relattiva izda mhux l-imsemmija penali. Ma jirrizultax illi qatt giet interpellata formalment ghall-hlas ta’ tali penali. Ghaldaqstant it-tielet talba qieghdha wkoll tigi michuda.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-Awtorita` intimata mill-osservanza tal-gudizzju sa fejn l-appell ghandu x’jaqsam mal-impunjazzjonni tad-decizjoni tal-Ministeru intimata u jilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-istess Awtorita`, jilqa’ wkoll l-eccezzjonijiet tal-Ministeru intimat u jichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Dok MT14 a fol. 85